FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI
MAGISTRAT DR JACQUELINE PADOVANI LL.D. LL.M. (IMLI)
SEDUTA TA' NHAR IT-TNEJN 28 TA' JANNAR 2002

PULIZIJA
SPETTUR PAUL BOND
VS
GODFREY SAMMUT

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Godfrey Sammut ta' 47 sena, iben Carmel u Paula nee Sammut, imwieled Mgarr fit-3 t'Awissu 1953 u residenti Michael, Triq Sir Harry Luke, Mgarr detentur ta' karta ta' l-identita bin-numru 610253M talli b'diversi atti maghmulin wkoll jekk fi zminijiet differenti u li jiksru l-istess disposizzjonijiet tal-ligi u li gew maghmulin b'risoluzzjoni wahda;
Talli fil-15 ta' Jannar 2000 u fis-snin ta' qabel, anke wara nzul ix-xemx, b'mezzi qarrieqa li bihom seta kellu l-uzu jew il-konsum illegittimu ta' kurrent elettriku, jew li bihom seta jwaqqaf jew jbiddel il-kejl jew markar fil-meter tal-kwantita mehuda jew ikkunsmata, bhala detentur tal-fond Il-Barri Trattoria Bar & Restaurant, f'Wesghat il-Gublew, Mgarr, jew bhala l-persuna li f'idejh hemm it-tmexxija tal-imsemmi stabbiliment, ikkommetta serq ta' kurrent elettriku mill-imsemmi fond, ghad-dannu tal-Korporazzjoni Enemalta, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, hin u ammont.

Talli fl-istess perjodu ghamel hsara fil-gumni jew fil-makkinarju ta' l-elttriku jew ikkaguna hsara jew telf ta' kurrent elettriku, jew ghamel hsara jew kisser parti mill-meter jew is-sigilli tieghu, jew xi parti minn xi apparat jew gumni wzati fil-provista ta' l-elettriku, u dan ghad-dannu tal-Korporazzjoni Enemalta.

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat id-dokumenti esebiti, l-atti kollha tal-kaz.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali u tal-imputat sabiex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja.

Rat il-verbal tat-28 ta' Jannar 2002 fejn l-imputat ammetta ghall-akkuzi kif dedotti fil-konfront tieghu.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Ikkunsidrat:-

Fuq l-istess ammissjoni tieghu il-Qorti ssib lill-imputat hati skond l-akkuza u wara li rat Art 261, 263, 264, 267, 270 tal-kap 9 u Art 9 tal-kap 152 tillibera lill-imputat bil-kondizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien tmintax il-xahar u wara li rat Art 533 tal-kap 9 tordna lill-imputat jhallas l-ispejjez inkorsi fl-inkjesta.

MAGISTRAT

MARICA CARUANA
DEP.REG.